**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 340/17AL

**AB**

**Vs**

**Dr. Benjamin Valenzia u l-PL Davina Sullivan nominati bhala kuraturi deputati b'digriet tat-12 ta' Settembru 2017 biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu gewwa it-Tajlandja fit-13 ta' Ottubru 2011 u dana skont kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A);

Illi sussegwentement il-kontendenti sseparaw minn xulxin wara biss ftit xhur u qatt ma regghu iltaqghu aktar hlief biex irregistraw id-divorzju taghhom fit-Tajlandja stess fl-4 ta' Frar 2015.

Illi ma tezisti ebda possibilita ta' transazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment, u anqas hemm tfal bejniethom.

Illi l-esponent jixtieq li jikseb id-divorzju mill-intimata f'Malta stante li l-Awtoritajiet Maltin mhux qeghdin jgharfu d-divorzju bejn il-kontendenti li sar fit-Tajlandja, stante li ma nkisiebx b'digriet tal-Qorti f'dak il-pajjiz.

Talab li l-intimati jghidu ghaliex  din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-intimata assenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2017;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament illi ma jafx fejn tirrisjedi l-intimata illi ilha minn ta' lanqas hames snin nieqsa minn Malta

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi l-intimata hija assenti minn Malta u r-rikorrenti ma ghandu l-ebda kuntatt maghha u lanqas jaf fejn tirrisjedi;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.